# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Novembru, 2023.**

**Numru 74**

**Rikors numru 958/17/1 RGM**

**L-ispiżjara Pierina Zammit, L-ispiżjara Stephanie Vella Zammit u Martine Zammit bħala detentur tal-liċenzja u sidien rispettivament tal-ispiżerija Evans, Ħal Qormi**

**v.**

1. **Is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika;**
2. **Mario Debono u b'digriet tal-11 ta' Lulju, 2018 is-soċjetà Brown's Pharma Limited ġiet awtorizzata tintervjeni fil-kawża *in statu et terminis***

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi ppreżentat minnhom fid-19 ta' Ottubru, 2017, li permezz tiegħu ngħad hekk:

"1. Illi l-intimat Mario Debono kien jiggestixxi l-ispizerija ECONOMICAL f'numru 67, Triq San Bastjan Hal Qormi, izda kien gie zgumbrat minn dak il-fond b'sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-10 ta' Ottubru 2003 minhabba sullokazzjoni minghajr il-kunsens espress tas-sid (Dok A);

2. Illi Debono gharraf lill-awtoritajiet li l-ispizerija ser tkun maghluqa ghal ftit taz-zmien u li kellu jmur go fond iehor fi Triq Spiteri Fremond, Hal Qormi u anki ressaq applikazzjoni. F'Mejju 2004 l-Awtoritajiet gharrfuh li ma kenux ser jilqghu t-talba tieghu biex jaghmel rilokazzjoni u b'ittra ohra, qalulu li billi l-licenzja li kellu kienet tirreferi ghal lok specifiku, u dak il-lok ser jinbidel huwa kellu jaghmel applikazzjoni gdida ghal licenzja gdida;

3. Fuq hekk Mario Debono fis-6 ta' Awissu 2004 fetah il-kawza 581/2004 kontra t-Tabib Principali tal-Gvern fejn talab li:
   a) Id-decizjoni li l-awtoritajiet jichdulu t-talba ghal rilokazzjoni fi Triq Spiteri Fremond kienet kontra l-ligi;
   b) Il-licenzja tal-Economical Dispensary tappartjeni lilu (billi allega li l-awtoritajiet kienu qed jippruvaw jghaddu din il-licenzja lil certu Said Pullicino);
   c) Il-Qorti tordna lit-Tabib Principali tal-Gvern biex dan jawtorizza lill-attur jibda jopera l-Economical Dispensary minn Triq Spiteri Fremond, Hal Qormi;
4. Illi b'rikors tal-15 ta' April 2005 l-esponenti kienu talbu li, stante l-interess guridiku taghhom, jintervjenu f'dik il-kawza u l-Qorti b'digriet tat-18 ta' April 2005 laqghet din it-talba b'mod li naturalment dan kien rifless ukoll fl-okkju tal-kawza;

5. Illi b'sentenza tad-9 ta' Gunju 2011 il-Prim'Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talbiet ta' Mario Debono izda wara appell ta' Debono il-Qorti tal-Appell b'sentenza tas-27 ta' Marzu 2015 irriformat is-sentenza appellata b'dan li filwaqt li laqghet l-ewwel zewg talbiet cahdet it-tielet wahda: Dok B;

6. F'dik is-sentenza l-Qorti tal-Appell ittraccjat l-'iter' li jirregola l-kaz. Hi ccitat 'in toto' l-art. 73 tal-Kap 458 (fol 20 tas-sentenza) li fost ohrajn jghid li l-licenzja ta' spizerija li tkun baqghet maghluqa ghal perijodu ta' hamest ijiem konsekuttivi minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Awtorita' dwar il-Licenzjar, ghandha titqies li tkun giet awtomatikament revokata;

7. Il-Qorti tal-Appell kompliet tghid li fil-fehma taghha ghalkemm hemm dak l-art. appena citat, la Debono kien informa lill-awtoritajiet li l-ispizerija tieghu kienet ser tkun maghluqa ghal ftit taz-zmien dan kien jammonta "ghal talba ghall-awtorizzazzjoni biex l-attur jieqaf jopera mill-ispizerija tieghu b'mod temporanju" (fol 21). L-awtoritajiet ma kenux wegbuh. Il-Qorti tal-Appell dehrilha li ta' dak in-nuqqas ma kellux ibati Debono, u ghalhekk "l-istess Awtorita' ghandha titqies li akkonsentiet ghall-gheluq temporanju tal-ispizerija" (fol.22). Kompliet tghid (fol.23): "kieku l-

attur qabad u ghalaq l-ispizerija ghal hamest ijiem konsekuttivi minghajr awtorizzazzjoni ta-Konvenut, tkun tista' tghid li sar ksur ta' kundizzjoni marbuta ma' licenzja";

8. Fi ftit kliem Debono seta' jkompli bil-process ta' rilokazzjoni tal-ispizerija ghal Triq Spiteri Fremond, kif fil-fatt gara. Izda b'ittra mibghuta lilu fis-17 ta' Novembru 2015 (Dok C minnha ezibita fi proceduri precedenti) is-Sovrintendenza tas-Sahha Pubblika informatu li t-talba ghal rilokazzjoni fi Triq Spiteri Fremond ma setghetx tintlaqa'. U hekk gie fi tmiemu dak il-process ta' rilokazjoni;

9. Fil-fehma tal-esponenti dan kien fatali ghal Debono. Dan ghal zewg ragunijiet ewlenin:

   a) Kif semmiet il-Qorti tal-Appell il-Kap.458 jipprovdi li licenzja ta' spizerija li tinzamm maghluqa ghal hamest ijiem konsekuttivi bla awtorizzazzjoni tkun awtomatikament revokata; mela la l-ispizerija ta' Debono ilha, mindu l-awtoritajiet cahdu t-talba tieghu ghal rilokazzjoni fi Triq Spiteri Fremond, maghluqa sallum – kif maqbul bejn id-difensuri tal-partijiet odjerni fil-verbal tal-udjenza tat-28 ta' Settembru 2017 fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni (num. 1329/2017) li wassal ghal din il-kawza – jigi li l-licenzja li kellu Debono tinsab awtomatikament revokata;
   b) Huwa maghruf bizzejjed li rilokazzjoni ssir minn spizerija li tkun ghadha topera ghal fond iehor fl-istess belt jew rahal; u l-licenzja tkun abbinata ma' spizerija operanti u mhux f'isem persuna bil-fond maghluq, ghax b'dal-mod il-licenzja tkun giet reza ineffikaci (kif del resto argumenta t-Tabib Principali tal-Gvern fil-kawza msemmija);

10. Ladarba t-talba ghar-rilokazzjoni fi Triq Spiteri Fremond tkompliet, kif awtorizzata mill-Qorti tal-Appell, u din sfat michuda, kellha tiskatta awtomatikament ir-revoka tal-licenzja. L-esponenti li kienu hadu l-briga jintervjenu "in statu et terminis" fil-kawza msemmija billi kellhom l-interess mehtieg, kienu qed iqisu li l-licenzja ta' Debono kienet revokata awtomatikament u per konsegwenza ma setghetx issir xi rilokazzjoni ohra;

11. Izda bilkemm titwemmen, l-esponenti inqas minn xahrejn ilu i.e.fl-ahhar ta' Awwissu 2017 saru jafu li kien ghaddej xoghol biex tinfetah spizerija gdida – Dok D1 sa D5 – u rrizulta, wara procedura legali urgenti mehuda mill-esponenti, li kien Debono nnifsu li fid-29 ta' Awissu 2016 (i.e. wara disa' (9) xhur li t-talba ghal rilokazzjoni fi Triq Spiteri Fremond kienet michuda) li rega avvicina lill-awtoritajiet biex jaghmel rilokazzjoni ohra (huwa ezibixxa d-dokumenti segwenti Dok E1 sa E14) did-darba fi Triq San Bartilmew;

12. Diga’ hija kbira li Debono jithajjar jaghmel talba ghal rilokazzjoni ohra, imma li l-awtoritajiet ma jaraw xejn hazin f’dan u baqghu mixjin bhallikieku xejn huwa sbalorditiv ghall-ahhar. Huwa car mid-Dok E1 – E14 ta’ Debono illi kieku l-esponenti ma agixxewx fil-hin b’Mandat ta’ Inibizzjoni, is-Suprintendent kien wasal biex jawtorizza ir-rilokazzjoni fi Triq San Bartilmew minkejja li b’ligi li l-licenzja ta’ Debono kienet awtomatikament revokata;

13. Jinghad sbalorditiv billi qari mqar fuq fuq tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza miftuha minn Debono – li taghmel stat fil-konfront ta’ kull min ippartecipa fiha, fosthom l-esponenti – juri li t-talba ta’ Debono ghal rilokazzjoni kienet tirreferi ghal 6 Triq Spiteri Fremond biss u l-Qorti tal-Appell naturalment ma qalitx li l-awtorizzazzjoni li qieset li kellu Debono biex izomm l-ispizerija Economical maghluqa ghal ftit taz-zmien biss, kellha tkun kunsidrata li tibqa’ valida ghal zmien indefinit f’kaz li r-rilokazzjoni lejn Triq Spiteri Fremond ma tirnexxix, daqslikieku Debono inghata xi “carte blanche” biex juzaha kif u meta jfettillu. Dan barra li ma huwa konsentit lil hadd li jestendi dik l-awtorizzazzjoni limitata moghtija mill-Qorti tal-Appell;

14. Hekk ukoll, minn imkien ma jidher fl-istess sentenza li il-Qorti tal-Appell qalet li jekk it-talba ta’ rilokazzjoni lejn Triq Spiteri Fremond tkun michuda ma kellhiex tiskatta r-revoka awtomatika tal-licenzja kif trid il-ligi;

15. Anzi, l-Qorti tal-Appell kienet ghamlitha cara li r-regola fondamentali hi li l-licenzja ta’ spizerija li tinzamm maghluqa imqar ghal hamest ijiem konsekuttivi bla awtorizzazzjoni tkun awtomatikament revokata. Forsi dan jitqies regolament iebes sew imma spizerija taqa’ f’settur regolat hafna minhabba s-sahha pubblika, u parti mis-servizz tas-sahha.

16. Di piu’ kif inghad meta Debono rega’ kellem lill-awtoritajiet ghal rilokazzjoni ohra (fi Triq San Bartilmew) kienu ghaddew aktar minn disa’(9) xhur wara li l-ewwel talba ta’ rilokazzjoni fi Triq Spiteri Fremond – dik kunsidrata mill-Qorti tal-Appell – kienet michuda, u dan bl-ispizerija dejjem maghluqa;

17. B’dankollu s-Suprintendent tas-Sahha Pubblika jidher li ma jridx jimxi mas-sentenza tal-Qorti tal-Appell u jqis li l-licenzja kienet awtomatikament revokata, kif ironikament sostna tul il-kawza ta’ Debono. L-esponenti jafu wkoll almenu b’kaz iehor fejn, f’kaz identiku, s-Suprintendent sostna li l-licenzja ntilfet;

18. Kien ghalhekk li l-esponenti, li bhala detentur u sidien ta’ spizerija li bl-interess guridiku mehtieg kienu thallew jintervjenu fil-kawza msemmija, qed ikollhom jergghu jadixxu lil din il-Qorti, din id-darba biex kull min kien involut f’dik il-kawza jimxi skrupolosament mas-sentenza tal-Qorti tal-Appell, kif wara kollox wiehed ghandu jistenna.

19. L-esponenti biex jikkawtelaw id-drittijiet taghhom kellhom jirrikorru ghal Mandat ta' Inibizzjoni (Num. 1329/2017) u l-Qorti wara li semghet it-trattazzjoni kienet sodisfatta li kien hemm ir-rekwiziti mehtiega skont il-ligi,u akkordatu definittivament. Ghalhekk qed ikollha ssir din il-kawza in segwitu.

Jghidu ghalhekk l-intimati ghala din l-Onor. Qorti m'ghandhiex tordna li:

1. La t-talba ta' Mario Debono ta' rilokazzjoni tal-Economical Dispensary Hal Qormi ghal fond gdid fi Triq Spiteri Fremond kienet michuda u l-istess l-Economical Dispensary baqghet maghluqa sallum sehhet ir-revoka awtomatika tal-licenzja tal-Economical Dispensary li kellu Mario Debono, kif kontemplat mill-Art. 73 tal-Kap 438, u kif indikat mill-istess Qorti tal-Appell fis-sentenza tas-27 ta' Marzu 2015;

2. Per konsegwenza ma tistax tintalab ebda rilokazzjoni ohra tal-Economical Dispensary la l-licenzja taghha tinsab awtomatikament revokata "ex lege";

3. Is-Suprintendent tas-Sahha Pubblika ghandu jieqaf milli jkompli jikkonsidra t-talba ta' Mario Debono ghal rilokazzjoni tal-Economical Dispensary ghal Triq San Bartilmew, u bl-ebda mod ma jaghti l-awtorizzazzjoni tieghu ghal din ir-rilokazzjoni.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni Num. 1329/2017 kontra l-intimati ngunti minn issa in subizzjoni."

2. Rat ir-risposta ġuramentata tas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, pprezentata minnu fis-7 ta' Diċembru, 2017, li permezz tagħha ġie eċċepit:

"1. Illi in linea preliminari, l-Atturi huma nieqsa mill-interess guridiku biex jintavolaw din il-kawza.
2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Atturi ghandhom jindikaw a bazi ta' liema ligi ossia dritt, qeghdin jintavolaw l-azzjoni taghhom.
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet ghandhom jigu michuda stante li in vista tas-sentenza fl-ismijiet 'Mario Debono et. vs. Tabib Principali tal-gvern et' (Appell Nru 581/2004/1), il-licenzja tal-ispizerija mertu ta' din il-kawza, ghadha vigenti u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Illi ai termini tas-sentenza hawn fuq citata, jija fil-mansjonijiet tas-Suprintendent tas-Sahha li jerga jqis it-talba ghal rilokazzjoini mressqa mill-intimat Mario Debono.
5. Illi skond Kap. 458 u l-ligijiet sussidjarji taghha, is-Supretendent tas- Sahha Pubblika huwa l-Awtorita` kompetenti fuq il-licenzjar tal-ispizeriji u li bis-setghat moghtija lilu permezz tal-istess ligi hu jista' jircievi, jipprocessa u jaccetta applikazzjonijiet in relazzjoni ma' spizeriji, liema processar ghandu jsir in linea mal-parametri tal-ligi.
6. Ir-rikorrenti m'ghandhom l-ebda jedd li jostakolaw l-ipprocessar ta' licenzji ta' spizeriji minhabba xi interess ekonomiku taghhom sakemm dawn il-licenzji jigu pprocessati skont il-ligi.
7. Illi s-suprentendent ma jistghax jigi mizmum milli jipprocessa applikazzjonijiet stante illi jkun qed imur kontra l-ligijiet applikabbli u ghaldaqstant in konsegwenza ta' dan it-tielet talba certament ma tistghax tintlaqa`.
8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

3. Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut l-Ispiżjar Mario Debono, ippreżentata minnu fid-9 ta' Marzu, 2018, li permezz tagħha jeċċepixxi:

"1. Illi preliminarjament ir-rikorrenti m'ghandhomx interess guridiku fil-konfront la tieghu u wisq anqas tal-intimat l-iehor is-Supretendent ghas-Sahha Pubblika sabiex iwaqqaf l-ipprocessar u/jew l-accettazzjoni u/jew ir-registrazzjoni ta' licenzji ta' spizeriji meta huwa l-intimat, is-Supretendent tas-Sahha Pubblika, l-entita` guridika li ghandha din l-awtorita` bil-ligi;
2. Illi preliminarjament ukoll u dejjem minghajr pregudizzju tas-suespost, ir-rikorrenti iridu juru abbazi ta' liema dritt legali jew/u ligi qeghdin bhala sidien ta' Spizerija ohra jintavolaw u allura interess kummercjali, din l-kawza odjerna meta huma mhumiex parti mis-Supretendenza tas-Sahha Pubblika; Illi r-rikorrenti jiccittaw u jipprezentaw is-sentenza tal-prim istanza liema sentenza huma jafu li ma ghandha ebda valur legali peress li giet revokata mill-Qorti tal-Appell b'mod car u inekwivoku u hija dik is-sentenza tal-Appell li tat sostenn legali lill-esponenti;
3. Illi kuntrarju ghal dak li ma qalux b'mod car r-rikorrenti fir-rikors promotur taghhom, l-Qorti ta' l-Appell laqghat it-talba tal-esponenti fejn kien talab li l-licenzja tieghu kienet ghadha wahda valida u tappartjeni lilu minkejja li kien zgumbrat mill-fond minn fejn kien originarjament jopera sa mis-sena 1938; Dan jfisser li f'dak il-mument partikolari l-licenzja kienet wahda valida u allura gialadarba dik il-licenzja kienet wahda valida l-esponenti setgha jibda process ta' rilokazzjoni tal-istess licenzja ghal fond li jissodisfa tali rilokazzjoni. Il-punt kardinali mhuwiex il-process ta' rilokazzjoni izda l-validita` tal-licenzja. Din tal-ahhar riaffermatu b'mod car il-Qorti ta' l-Appell;

4. Illi lanqas ma huwa minnu meta r-rikorrenti jghidu li gialadarba l-process tar-rilokazzjoni ghal post specifiku jkun intemm jkun ifisser li l-licenzja tkun skadiet ghaliex il-prassi hi li l-Awtorita` takkordalek opportunita` li l-licenzja tigi riallokata f'post li jissodisfa certi kriterji fosthom li jkun fl-istess belt jew rahal u jkun hemm certa distanza. Dan diment li l-istess Supretendenza kienet infurmata minn qabel illi l-ispizerija ser tkun temporanjament maghluqa kif irrizulta mill-process tal-kawza quddiem il-Qorti tal-Appell u kif qalet ukoll dik l-Qorti;
5 Illi fuq kollox huwa s-Supretendent tas-Sahha Pubblika li huwa l-awtorita` awtorizzata mill-Ligi bl-ipprocessar u l-hrug tal-licenzji tal-ispizeriji u kien hu li approva l-process tar-rilokazzjoni tal-licenzja tal-esponenti liema licenzja kienet u ghadha wahda valida ai termini tal-Ligi. Li kieku dak li qeghdin jissostnu r-rikorrenti, fis-sens li l-licenzja spiccat, allura s-Supretendent ma kienx jipprocedi bil-process tar-rilokazzjoni ghax kien jiddecidi li dik il-licenzja spiccat kif ghandu d-dritt u l-awtorita` li jaghmel u kif ghamel fil-passat liema decizjoni giet revokata mill-Qorti tal-Appell permess tas-sentenza citata mir-rikorrenti;
6. Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell rrizulta b'mod car li l-esponenti kien talab l-awtorizzazzjoni li jzomm l-ispizerija tieghu maghluqa sakemm jkun hemm rilokazzjoni approvata u dan kuntrarju ukoll ghal dak li qeghdin jippruvaw jghidu r-rikorrenti. Dan qalitu ukoll l-istess Qorti tal-Appell fejn qalet "*ma jistax jigi ritenut li l-gheluq tal-ispizerija ma kienx bl-awtorizzazzjoni tal-konvenut (Supretendent tas-Sahha Pubblika) ghalhekk anqas jista jigi ritenut l-licenzja saret "invalida" ghar-raguni li l-attur tilef it-titolu fuq il-fond*". Gialadarba kien hemm awtorizzazzjoni allura l-licenzja kienet valida u tibqa valida sakemm jkun hemm process komplut u approvat ta' rilokazzjoni; Dan ma kienx l-ewwel process ta' rilokazzjoni li hadu fit-tul kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza;
7. Illi ghalhekk hemm certezza legali konfortata mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell u mill-intimat l-iehor, is-Supretendent tas-Sahha Pubblika li l-esponenti kellu l-awtorita` li jzomm l-ispizerija maghluqa sakemm isir il-process tar-rilokazzjoni u ghalhekk dak li qalu r-rikorrenti li ma setghax jdum maghluq ghal aktar minn ijiem huwa ghal kollox zbaljat u fallaci f'dan il-kaz ghaliex l-esponenti kellu l-awtorizzazzjoni mehtiega qabel ma ghalaq temporanjament. Dan ir-rikorrenti jafuh imma jibqghu jippersistu bl-iskorrettezzi taghhom;
8 Illi bid-dovut rispett lejn ir-rikorrenti kuntrarju ghal dak li qeghdin jghidu fis-sens li "ma hu konsentit lil hadd li jestendi dik l-awtorizzazzjoni moghtija mill-Qorti ta' l-Appell" ... dik il-Qorti ma laqghetx it-tielet talba li kien ghamel l-esponenti anzi qalet b'mod car li "... *tibqa ghall-istess Awtorita` biex din tikkunsidra l-kaz mill-gdid* ..." Mela l-Qorti ta' l-Appell halliet r-responsabilita` shiha u inekwivokabbli lill-awtorita` kompetenti biex tezamina l-kaz mill-gdid. Altru milli testendi dik l-awtorizzazzjoni. Illi ma huwiex minnu dak li jghidu r-rikorrenti li l-Qorti ta' l-Appell illimitat li r-rilokazzjoni ssir biss ghall-indirizz gewwa Triq Spiteri Freemond. Dan mhuwiex minnu tant li kif *ex admissis* jghidu r-rikorrenti stess, il-

Qorti qatt ma qalet li jekk ir-rilokazzjoni ghal Triq Spiteri Freemond ma tirnexxiex, il-licenzja bi spizerija maghluqa ma tibqax valida. Il-Qorti tal-Appell kienet cara – *"Huwa inkonfutabbli li hu s-Supretendent tas-Sahha Pubblika li ghandu s-setgha u l-awtorita` li jiddecidi jekk licenzja ghadha valida jew le".* Il-fatt li hemm process pendenti ghar-rilokazzjoni huwa inekvivoku li l-licenzja hija u ghadha valida ghas-Supretendent tas-Sahha Pubblika;

9. Illi gialadarba l-esponenti adderixxa ruhu mar-rekwiziti tal-ligi isir rilokazzjoni tal-ispizerija mela sta ghas-Supretendent tas-Sahha Pubblika u hadd aktar u wisq anqas ir-rikorrenti, sabiex ai termini tal-obbligi legali, jkun hu li ghandu jipprocessa talbiet ghall-rilokazzjoni ta' licenzji sakemm tali talbiet ikun jissodisfaw il-kriterji kollha stabbiliti bil-ligi u ebda entita ohra ma ghandha din l-awtorita. Dan gie anke ribaditt mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha. Jekk ma jaghmilx hekk is-Supretendent tas-Sahha Pubblika ikun effettivament qed jigi uzurpat mid-doveri legali tieghu meta dawn id-doveri huma stabbiliti bil-ligi u jista jiffaccja proceduri gudizzjarji minn min verament ikollu interess guridiku fl-ipprocessar ta' tali applikazzjoni kif ghandu l-esponenti izda zgur mhux ir-rikorrenti.
10. Illi r-rikorrenti jridu jaghtu l-impressjoni kompletament zbaljata li l-esponenti ma kienx talab l-awtorizzazzjoni tas-Supretendent tas-Sahha Pubblika li jzomm l-ispizerija tieghu maghluqa. Dan kien sar qabel ma nghalqet u dan gie rikonoxxut mill-Qorti tal-Appell. Il-punt kardinali hu li hu s-Supretendent tas-Sahha Pubblika li jiddecidi fuq ir-rilokazzjoni ta' licenzja u hadd aktar;
11. Illi r-rikorrenti ma ghandhom ebda interess reali u gustifikat biex jintavolaw din il-kawza ghajr li jaghmlu minn kollox biex huma jibqghu joperaw wahidhom u jostakolaw abbazi ta' interess ekonomiku biss li ma ssirx ir-rilokazzjoni tal-licenzja tal-esponenti li sallum ghadha valida skond il-ligi tant li anke hemm process pendenti ghar-rilokazzjoni diga giet informalment approvata imma giet mwaqqfa bil-proceduri li ghamlu r-rikorrenti.
12. Illi dan kollu qieghed jirreka danni lill-esponenti u ghal liema danni l-esponenti diga rriserva d-dritta li jipprocedi kontra r-rikorrenti ai termini tal-ligi;

Ghalhekk it-talbiet kollha tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess rikorrenti."

4. Rat id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti tal-11 ta' Lulju, 2018, li permezz tagħha laqgħet it-talba tas-soċjetà Brown's Pharma Limited u ġiet awtorizzata tintervjeni *in statu et terminis* f'dawn il-proċeduri.

5. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-29 ta' Settembru, 2022, li permezz tagħha ddeċidiet il-kawża fis-sens illi:

> "1. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Suprintendent tas-Saħħa Pubblika illi l-Atturi huma nieqsa mill-interess ġuridiku sabiex jintavolaw il-kawża odjerna.
> 2. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Mario Debono illi l-Atturi m'għandhomx interess ġuridiku la fil-konfront tiegħu u lanqaf il-konfront tal-konvenut l-ieħor sabiex jitwaqqaf il-proċess u/jew l-aċċettazzjoni u/jew ir-reġistrazzjoni ta' liċenzji ta' spiżerija.
> 3. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-kumpalment tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti.
> 4. Tiċħad it-talbiet attriċi.
> Bl-ispejjeż kontra l-Atturi."

6. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Fatti Rilevanti.
>
> L-Atturi joperaw spiżerija bl-isem Evans Pharmacy, Triq San Bastjan, Ħal Qormi filwaqt li l-Konvenut kien snin ilu jopera spiżerija oħra fl-istess triq bl-isem Economical Dispensary. Il-Konvenut kien jiddetjeni l-fond minn fejn kien jopera l-ispiżerija b'titolu ta' kera. B'sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) mogħtija fl-10 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet "Ines Brincat vs Mario Debono" l-Konvenut ġie ordnat jiżgombra għal raġunijiet hemm mogħtija b'dan li kellu jivvaka l-fond sa mhux aktar tard mill-10 ta' Novembru 2003.
>
> Fis-26 ta' Jannar 2004 il-Konvenut kiteb lid-Direttur Ġenerali tas-Saħħa u avżah li "I have no intention of relinquishing, transferring or otherwise ceding my above licence".
>
> Fit-8 ta' Frar 2004 l-Konvenut kiteb lis-Suprintendent u avżah li l-Economical Dispensary kienet ser tinżamm magħluqa. Għal kemm żmien ma ġiex indikat f'dik l-ittra.
>
> Fid-9 ta' Frar 2004 il-Konvenut kiteb lid-Direttur Ġenerali tas-Saħħa fejn avżah illi permezz tas-Sentenza tal-Qorti tal-Appell fuq imsemmija huwa kien ġie ordnat jiżgombra mill-fond fejn kien jopera l-Economical Dispensary. Avża wkoll li "I am finalizing arrangements to acquire new and better premises being found acceptable by the Department of Health…."
>
> Fid-19 ta' Mejju 2004 il-Konvenut ippreżenta applikazzjoni sabiex jitrasferixxi l-Economical Dispensary mill-fond ġewwa Triq San

Bastjan għall-fond ieħor fi Triq Patri Spiteri Fremond ukoll ġewwa Ħal Qormi.

Fil-31 ta' Mejju 2004 id-Dipartiment tas-Saħħa avża lill-Konvenut illi t-talba tiegħu ma kenitx qed tiġi milqugħa minħabba li irritjena illi una volta il-post speċifiku marbut mal-liċenzja kien ser jinbidel, kien meħtieġ li ssir applikazzjoni ġdida.

Il-Konvenut ma aċċettax dan ir-rifjut għaliex sostna illi l-liċenzja kienet tappartjeni lilu u mhux lis-sidien tal-fond minn fejn kien jopera l-ispiżerija u li għalhekk kellu dritt li jitlob li jibda jopera spiżerija minn fond ieħor.

Għalhekk fis-6 ta' Awissu 2004 intavola kawża kontra t-Tabib Prinċipali tal-Gvern fejn talab lill-qorti tiddikjara illi d-deċiżżjoni li kien ħa t-Tabib Prinċipali tal-Gvern li jirrifjuta li jitrasferixxi l-liċenzja ta' spiżerija minn Triq San Bastjan għal Triq Spiteri Fremond "tikser ir-regolamenti relattivi kif ukoll l-Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili."

F'dik il-kawża kienu intervjenew in statu et terminis l-Atturi odjerni kif ukoll ċertu Marianne Caruana.

B'sentenza tad-9 ta' Ġunju 2011 il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talbiet attriċi għaliex irriteniet illi "… ladarba l-attur tilef it-titolu li kellu ghal dak il-post, u kien ser jigi zgumbrat minnu, huwa ddekada mil-licenza li kienet inharget fir-rigward tal-istess fond skond l-Art. 22 tal-Kap 31 bl-effett li huwa la seta' jitlob li dik il-liċenza tibqa' fuqu…. u wisq anqas li dik il-licenza tigi trasferita jew riallokata ghal fond iehor." Ikkonkludiet illi jekk l-attur f'dik il-kawża (il-Konvenut) ried jiftaħ spiżerija fi Triq Patri Spiteri Fremond, Hal Qormi, huwa "kellu japplika mill-gdid u l-applikazzjoni tieghu titqies skond id-disposizzjonijiet tal-Kap.458 tal-Liġijiet ta' Malta."

Il-Konvenut odjern intavola appell minn dik is-sentenza. Il-Qorti tal-Appell b'sentenza mogħtija fis-27 ta' Marzu 2015 laqgħet parzjalment l-appell tiegħu billi laqgħet l-ewwel żewġ talbiet attriċi li kienu jaqraw kif ġej:

> "1. Tiddeciedi u tiddikjara illi d-decizjoni li ha l-konveut u kkomunikata lill-attur permezz ta' ittra tal-31 ta' Mejju 2004 u dik datata 6 ta' Lulju 2004 li permezz taghhom il-konvenut ma kienx ser jilqa' t-talba tal-attur li jkompli jopera l-licenzja ta' spizerija bir-referenza numru SR125 li hija relattiva ghall-ispizerija bl-isem Economical Dispensary mill-fond 6 (gja 5) Triq Patri Spiteri Fremond Qormi tikser ir-regolamenti relattivi kif ukoll l-Artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) ;

2. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-licenzja ta' spizerija bir-referenza numru SR125 li hija relattiva ghall-ispizerija bl-isem Economical Dispensary tappartjeni lill-attur;"

Il-Qorti tal-Appell immotivat is-sentenza tagħha b'dan il-mod:

> "…il-licenzja ghall-ispizerija ghandha zewg elementi importanti, li huwa l-persuna li fuqha johrog il-permess, u l-post minn fejn topera l-azjenda. Ebda persuna ohra ma tista' topera spizerija minn dak il-post, u l-persuna licenzjata ma tistax topera n-negozju taghha minn post iehor mhux indikat fuq il-licenzja. Dan ma jfissirx, pero` li hekk kif il-persuna licenzjata titlef it-titolu li jkollha fuq il-post, titlef dak il-hin u b'mod awtomatiku l-licenzja ta' spizjar. L-gheluq tal-ispizerija hija regolata bl-Artikolu 73 tal-Att dwar il-Medicini (Kap. 458 tal-Ligijiet ta' Malta) li skont il-partijiet japplika ghal kaz. (L-attur, fil-fatt, jikkritika lill-ewwel Qorti talli din qalet li l-Kap. 458 mhux applikabbli). Dan l-artikolu japplika ghal-licenzji li kienu validi u jghodd allura ghall-kaz tal-attur, peress li l-Att dahal fis-sehh qabel ma saret it-talba tieghu ghal rilokazzjoni.
> […]
> F'dan il-kaz, l-attur fis-26 ta' Jannar 2004, meta suppost kien zgombra mill-post, pero`, kien ghadu fil-pussess tal-fond u jopera l-ispizerija, kiteb lill-awtorita` koncernata biex javvzah bl-izviluppi li kienu qed isehhu u li huwa ma kienx behsiebu jcedi jew jittrasferixxi l-licenzja li kellu. Fid-9 ta' Frar 2004, l-attur rega' kiteb lill-istess awtorita` biex javzah bl-ordni ta' zgumbrament u li allura l-post kien sejjer jinzamm maghluq; hu qal li kien qed ihabbrek biex jakkwista "new and better premises to transfer my above dispensary."

Il-konvenut ma wegibx ghal din l-ittra, izda ghal dan m'ghandux ibati l-attur. Huwa veru li l-Artikolu 73(1) jghid li l-gheluq jista' jsir biss bl-awtorizzazzjoni tal-Awtorita` dwar il-Licenzjar, u l-Artikolu 73(2) jghid li gheluq ta' spizerija ghal perjodu ta' hamest ijiem konsekuttivi, minghajr id-debita awtorizazzjoni, iwassal ghal revoka awtomatika tal-licenzja, pero`, jekk dak li jkun jitlob awtorizzazzjoni, u l-Awtorita` ma twegibx, ghan-nuqqas ta' din tal-ahhar li tezercita l-funzjoni taghha, il-persuna licenzjata m'ghandhiex issofri pregudizzju. L-ittra tad-9 ta' Frar 2004, li ma jirrizultax li inkitbet meta l-fond kien diga` maghluq (l-attur jghid li l-izgumbrament effettiv sehh f'nofs Frar 2004), kienet effettivament tammonta ghal talba ghall-awtorizazzjoni biex l-attur jieqaf jopera mill-ispizerija tieghu b'mod temporanju, u kien nuqqas tal-konvenut li baqa' ma wegibx ghat-talba. L-Awtorita` koncernata ma tistax tipprova tiehu vantagg min-nuqqasijiet taghha. Kwindi ma jistax jinghad li l-attur zamm l-ispizerija maghluqa "minghajr l-awtorizazzjoni tal-Awtorita`" koncernata, ghax wara l-ittra tal-attur tad-9 ta' Frar 2004 kien mistenni mill-Awtorita` li jekk kienet qed toggezzjona ghall-gheluq tal-ispizerija kienet tinforma b'dan lill-attur u mhux tibqa' siekta biex wara tissorprendih bl-oggezzjoni taghha. La dan ma ghamlitux, l-attur ma jistax jitqies li ma kellux l-awtorizzazzjoni tal-Awtorita` u anzi l-istess Awtorita` ghandha titqies li akkonsentit ghall-gheluq temporanju tal-ispizerija.
[…]
"…l-attur kien in okkupazzjoni tal-fond meta talab permess jaghlaq l-azjenda b'mod temporanju, u ghalhekk meta l-Awtorita` giet rinfaccjata bl-ittri tal-attur ta' Jannar u ta' Frar 2004 kien mistenni minnha li, fid-dawl tal-fatt li l-attur ried isib post alternattiv, tinforma lill-attur kinitx qed tawtorizza dak l-gheluq temporanju tal-ispizerija jew le.

Il-konvenut seta’, jekk jakkorda l-awtorizazzjoni, jimponi terminu perentorju li matulu l-ispizerija setghet tibqa’ maghluqa, pero`, kif inghad, ma wegibx ghat-talba u kwindi, l-Artikolu 73 imsemmi ma jistax jigi invokat. Dan hu hekk ukoll tenut kont tal-fatt li wara s-sentenza ta’ zgumbrament l-attur baqa’ jhallas l-licenzja b’mod regolari u l-konvenut accetta dan il-hlas anke wara li l-istess kien applika ghar-rilokazzjoni. Fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz, ghalhekk, ma jistax jigi ritenut li l-licenzja relattiva waqghet. Min-naha tal-konvenut, dak li huwa importanti hu li n-negozju jibqa generat mill-fond licenzjat, u mhux x’titolu ghandu l-ispizerija fuq il-post.
[…]
Li kieku l-attur qabad u ghalaq l-ispizerija ghal hamest ijiem konsekuttivi minghajr awtorizazzjoni tal-konvenut, tkun tista’ tghid li sar ksur ta’ kundizzjoni marbuta ma’ licenzja. Darba, pero`, mhux hekk gara, u l-fond baqa jopera bhala spizerija bil-beneplacitu tal-Awtorita` kompetenti, jekk mhux addirittura bil-kunsens tacitu taghha, ma jistax jigi ritenut li l-gheluq tal-ispizerija ma kienx bl-awtorizzazzjoni tal-konvenut u ghalhekk anqas jista’ jigi ritenut l-licenzja saret “invalida” ghar-raguni li l-attur tilef it-titolu fuq il-fond.

In segwitu għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell l-Awtorita’ dwar il-Liċenzjar kitbet lill-Konvenut fis-17 ta’ Novembru 2015 fejn informatu illi t-talba tiegħu sabiex jibda jopera spiżerija ġewwa Triq Spiteri Fremond, minflok dik li minnha ġie żgumbrat fi Triq San Bastjan ma kentix qed tiġi milqugħha peress illi “… skond il-liġi attwali din il-licenza ma tkunx tissodisfa ir-rekwiziti kollha, specifikament ir-rekwiżiti dwar id-distanzi involuti mill-eqreb spiżerija, u ghalhekk ma tistax tigi milqugha.”[1]

F’Awissu jew Settembru 2016 il-Konvenut ippreżenta applikazzjoni ġdida sabiex jitrasferixxi l-liċenzja ta’ spiżerija għal fond ġewwa Triq San Bartilmew Ħal Qormi.

Meta l-Atturi saru jafu b’dik l-applikazzjoni huma talbu u ottjenew il-ħruġ ta’ mandat ta’ inibizzjoni sabiex pendenti l-proċeduri ġudizzjarji s-Supretendent jinżamm milli jawtorizza t- trasferiment kif ukoll intavolaw il-kawża odjerna fejn it-talba prinċipali tagħhom hi li l-Qorti tiddikjara illi bir-rifjut tal-applikazzjoni tal-Konvenut għat-trasferiment tal-liċenżja ta’ spiżerija minn Triq San Bastjan għal Triq Spiteri Fremond “sehhet ir-revoka awtomatika tal-licenzja tal-Economical Dispensary li kellu Mario Debono, kif kontemplat mill-Art 73 tal-Kap 438 u kif indikat mill-istess Qorti tal-Appell fis-sentenza tas-27 ta’ Marzu 2015; jitolbu wkoll l-Atturi li l-Qorti tiddikjara illi “Per konsegwenza ma tistax tintalab ebda rilokazzjoni ohra tal-Economical Dispensary la l-licenzja taghha tinsab awtomatikament revokata ‘ex lege’”. Jitolbu wkoll l-Atturi sabiex jiġi dikjarat illi “Is-Suprintendent tas-Sahha Pubbika ghandu jieqaf milli jkompli jikkonsidra t-talba ta’ Mario Debono ghal rilokazzjoni tal-Economical Dispensary ghal Triq San

[1] Dok C, paġna 42 tal-proċess

Bartilmew u bl-ebda mod ma jaghti l-awtorizzazzjoni tieghu ghal din ir-rilokazzjoni."

Sew is-Suprintendent kif ukoll il-Konvenut jilqgħu għat-talbiet attriċi billi jressqu bħala l-ewwel eċċezzjoni rispettiva tagħhom il-karenza ta' interess ġuridiku fl-Atturi li jipproponu l-kawża odjerna.

Huwa għalhekk opportun illi fl-ewwel lok tiġi deliberata u deċiża din l-eċċezzjoni għaliex jekk jirriżulta li hi fondata ma jkunx meħtieġ li jiġu deċiżi wkoll il-kumplament tal-eċċezzjonijiet.
L-Ewwel Eċċezzjoni - Karenza ta' Interess Ġuridiku – Leġittimazzjoni Attiva.

Opportun li f'dan l-istadju jiġu eżaminati l-elementi meħtieġa sabiex jiġi radikat l-interess ġuridiku f'min jipproponu azzjoni ġudizzjarja tax-xorta bħal dik odjerna.

Tajjeb jiġi rilevat illi l-Atturi, la fir-rikors ġuramentat promotur, la matul il-kors tal-kawża, la fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom u lanqas waqt it-trattazzjoni finali ma jidentifikaw bis-saħħa ta' liema provvediment tal-liġi qed jipproponu l-kawża odjerna.

Jgħidu biss illi huma intavolaw il-kawża odjerna bis-saħħa tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fuq imsemmija f'liema kawża kienu intervjenew in statu et terminis. Ifissru l-Atturi illi una volta s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tagħmel stat di fronte għall-partijiet kollha f'dik il-kawża, allura għandu jsegwi, skond l-Atturi, illi huma għandhom interess ġuridiku li jassikuraw illi dak deċiż jiġi attwat u enforzat.

Din il-posizzjoni hija msejsa mill-Atturi fuq l-interpretazzjoni tagħhom dwar is-sentenza tal-Qorti tal-Appell. Isostnu illi b'riżultat ta' dak deċiż għandu jsegwi illi una volta wara l-għoti ta' dik is-sentenza it-talba tal-Konvenut odjern ġiet ipproċessata u rifjutata, il-liċenzja li talvolta kellu l-Konvenut spiċċat awtomatikament. Iqisu għalhekk l-Atturi illi bħala operaturi ta' spiżjara fil-lokalita' in kwistjoni huma għandhom il-jedd li jassiguraw illi fallut it-tentativ tal-Konvenut sabiex jitrasferixxi l-liċenzja ta' spiżerija minn Triq San Bastjan għal Triq Spiteri Fremond, tali liċenzja għandha tiġi kkunsidrata li mietet darba għal dejjem u li allura ma hemmx aktar il-possibilita' li l-Konvenut jitlob li jitrasferixxi l-liċenzja ta' spiżerija f'post ieħor.

Donnu l-Atturi stess iqisu illi li kieku ma kienux intervenuti fil-kawża preċedenti, ma kienx ikollhom l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex jipromwovi l-kawża odjerna.

In tema legali ssir referenza għas-sentenza Amedeo Barletta noe et v. L-Awtorita` tas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta` April 2013 fejn ġew elenkati l-elementi li jsawru l-interess ġuridiku:

"Illi l-Qorti tqis li meta wiehed ihares lejn is-siwi ta` eccezzjoni li tqanqal dubju dwar jekk hemmx tassew l-interess guridiku tal-parti attrici li ssostni l-kawza, wiehed irid izomm ma` dak li jipprovdi l-artikolu 780 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta u mal-principji li sa minn zmien twil ilu ssawru biex ifissru x`inhu mehtieg biex tali interess isejjes il-jedd tal-azzjoni. Biex tali interess ikun tutelat minn karattru guridiku, irid ikun iwassal ghal rizultat ta` utilita` u vantagg ghal min irid jezercita l-jedd (Ara App. Civ. 13.2.1953 fil-kawza fl-ismijiet Manche` vs Montebello (Kollez. Vol: XXXVII.i.56), b`mod li jekk l-azzjoni ma tistax twassal biex tipproduci tali rizultat ghal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi (P.A. 7.1.1953 fil-kawza fl-ismijiet Camilleri vs Sammut (Kollez. Vol: XXXVII.ii.605). Kien minhabba dan il-principju li ghadd ta` sentenzi cahdu l-jedd tal-azzjoni lil min ried jikseb sentenza biss dikjarazzjoni minghajr oggett materjali (Ara App. Civ. 8.6.1942 fil-kawza fl-ismijiet Cortis vs Bonello (Kollez. Vol: XXXI.i.218) ;

Illi, minbarra dan, u dejjem ghal dak li jirrigwarda l-aspett tal-attwalita` tal-interess f`attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa` jsehh matul il-hajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu taghha, ghaliex jekk dan l-interess jintemm fix-xejn, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imharrek jinheles milli jibqa` fil-kawza (App. Civ. 17.2.1993 fil-kawza fl-ismijiet Sammut et noe vs Attard (Kollez. Vol: LXXVII.ii.246).

Hu stabilit ukoll mill-Qrati li dak li jfisser l-interess tal-attur ghandu jkun jidher mill-att innifsu li bih tinbeda kawza (Ara App. Civ. 3.12.1984 fil-kawza fl-ismijiet Borg vs Caruana (Kollez. Vol: LXVIII.ii.232) u l-ghadd ta` sentenzi hemm imsemmija, u ghalkemm il-mottiv tal-interess mhux mehtieg li jkun imsemmi fir-Rikors Mahluf, ghandu jirrizulta mill-provi jekk kemm-il darba jigi kuntrastat (Ara App. Civ. 12.12.1983 fil-kawza fl-ismijiet Ignazio Gatt vs Michael Debono et). Illi l-interess mhux tabilfors ikun wiehed li jigi kwantifikat f`somma determinata ta` flus jew gid, u jista` jezisti wkoll fejn jimmira li jhares jew jaghti gharfien ghal jedd morali jew suggettiv (P.A. 13.10.1952 fil-kawza fl-ismijiet Axiaq vs Mizzi noe et (Kollez. Vol: XXXVI.ii.532), imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku (App. Civ. 15.12.1932 fil-kawza fl-ismijiet Scolaro vs Bailey (Kollez. Vol: XXVII.ii.195);"

Hija ġurisprudenza ormai assodata illi l-interess fil-mertu tal-kawża ma hux biżżejjed jekk ma jkunx ukoll ġuridkiu. Ġuridiku fis-sens illi t-talba attriċi għandu jkun fiha ipoteżi ta' l-eżistenza ta' dritt vantat mill-attur kif ukoll ipoteżi tal-vjolazzjoni ta' dak id-dritt (John Muscat et vs Rachelle Buttigieg et – Prim' Awla - 27 ta' Marzu 1990).

Aktar riċenti imbagħad wieħed isib id-deċiżjoni fl-ismijiet Nike Ventures Limited et vs. John Patrick Hayman et deċiża mill-Prim' Awla fil-15 ta' Settembru 2014 fejn b'referenza għal deċiżjonijiet oħra rrimarkat li

> "[...] rekwizit imprexxindibbli ta` kull azzjoni huwa l-interess f`min jipproponiha ; u dan l-interess ma ghandux ikun ipotetiku imma hemm bzonn li jkun konkret u sussistenti di fronti ghal dak li jigi maghzul mill-

attur bhala kontradittur legittimu ("Balluci vs Vella Gera" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 12 ta` Marzu 1946 ; "Zammit vs Formosa et" – Qorti tal-Appell – 11 ta` Gunju 1948 ; "Zammit Psaila et vs Ellul" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 23 ta` Jannar 1956).

Il-Qorti tirrimarka li l-interess tal-attur fl-azzjoni jezisti meta l-attur juri li permezz tal-azzjoni jista` jipprokura xi rizultat vantaggjuz jew skop utili. L-attur irid juri illi ghall-esercizzju tad-dritt tieghu ghandu attwalment bzonn li jinvoka l-protezzjoni tal-Qorti ("Bartoli pro et noe vs Zammit Tabone et" – Qorti tal-appell – 24 ta` Marzu 1961). L-interess huwa l-mizura ta` l-azzjoni. Dan l-interess ghandu karattru personali jigifieri illi l-vjolazzjonijiet biss ghad-drittijiet li jappartjenu lill-Atturi jawtorizzawh li jezercita l-azzjoni. U dan l-interess, ikun x`ikun, morali jew pekunarju, irid ikun dejjem guridiku, jigifieri, korrispondenti ghal-lezjoni tal-veru dritt ; u jrid ikun dirett jew derivanti minn kawza korrelattiva mal-persuna li tagixxi, kif ukoll irid ikun legittimu u attwali. Ir-rekwizit ta` l-interess huwa ndispensabbli ghall-proponibilita` ta` domandi fi kwalunkwe sede kontenzjuza; huwa l-bazi tal-azzjoni u ma jistax ikun hemm azzjoni jekk ma jkunx hemm interess. Jekk l-azzjoni tkun inkapaci li tipproduci rizultat vantaggjuz jew utili ghal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tigi pretiza ("Camilleri et vs Sammut et" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 7 ta` Jannar 1953).

Fis-sentenza MrBookmaker.com Ltd vs Stitching De Nationale Sporttotalisator mogħtija mill-Prim' Awla fis-17 ta' Mejju 2011 ġew elenkati b'mod eżawrjenti l-elementi u l-prinċipji regolanti l-interess ġuridiku:-

"- irid ikun attwali [jezisti fil-mument li tigi proposta l-azzjoni riferibbilment ghal ksur ta` jedd u jibqa` jezisti fil-kors kollu tal-kawza]
- irid ikun dirett
- irid ikun legittimu [konformi ghal dritt tal-attur, u mhux biss interess]
-irid ikun guridiku [interess li jadixxi l-Qorti biex jottjeni dak li jitlob]
- l-azzjoni trid tkun kapaci li twassal lill-attur ghall-otteniment ta` vantagg u utilita`
- ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta` vjolazzjoni ta` xi dritt li jappartjeni lill-attur
- il-kawza li jipproponi tkun tista` tipproducilu rizultat utli jew vantaggjuz ghalih.
- Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbuziv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir
- Ma jistax ikun ipotetiku, ghalkemm jista` jirreferi ghal jedd morali jew suggettiv."

Esplorati l-elementi li jsawru l-interess ġuridiku fl-attur jeħtieġ issa li neżaminaw it-talbiet attriċi fl-isfond tal-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' leġittimazzjoni attiva fl-Atturi.

Mir-rikors promotur jemergi illi tlieta huma talbiet attriċi:
(i) Dikjarazzjoni li l-liċenzja ta' spiżerija li kellu l-Konvenut ġiet revokata awtomatikament;
(ii) Dikjarazzjoni li l-Konvenut ma jistax jitlob li jitrasferixxi l-liċenzja ta' spiżerija band' oħra; u

(iii) is-Suprintendent jiġi miżmum milli jikkonsidra t-talba tal-Konvenut sabiex il-liċenzja ta' spiżerija tiġi riallokata band' oħra.

L-Atturi baqgħu sat-trattazzjoni finali jsostnu illi l-interess ġuridiku tagħhom li jipproponu l-kawża odjerna jemerġi mill-fatt illi huma kienu intervjenew fil-kawża Mario Debono vs Tabib Prinċipali tal-Gvern deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Ġunju 2011 u mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu 2015.

Il-Qorti tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

1. Il-mertu tal-kawża odjerna ma hux il-liċenzja ta' spiżerija tal-Atturi iżda l-liċenzja ta' spiżerija li għandu, jew skond l-Atturi, li kellu l-Konvenut. Rilevanti jiġi osservat illi meta l-Atturi odjerni kienu tħallew jintervjenu fil-kawża Mario Debono vs Tabib Prinċipali tal-Gvern, huma kienu qed jopponu t-talba ta' Maro Debono f'dik il-kawża peress li ried jitrasferixxi l-liċenzja ta' spiżerija li kellu għall-fond ġewwa Triq Spiteri Fremond fejn id-distanza bejn dak il-fond u l-fond fejn l-Atturi joperaw spiżerija, ma tirrispettax id-distanza legali minima li għandu jkun hemm bejn spiżerija u oħra fl-istess lokalita'.

2. Illum it-talba tal-Konvenut mal-awtoritajiet tas-saħħa hija fir-rigward ta' fond ieħor, din id-darba ġewwa Triq San Bartilmew, Ħal Qormi, fejn jidher prima facie illi d-distanza legali minima ta' bejn l-ispiżeriji hija rispettata, anke għaliex l-Atturi ma resqu l-ebda ilment fir-rigward. Kienet tkun sitwazzjoni ben diversa kieku tali distanza minima ma kenitx rispettata għaliex f'dik l-eventwalita' ipotetika kien jiskaturixxi fl-Atturi l-interess ġuridiku li jipproteġu l-jedd tagħhom li l-awtoritajiet kompetenti ma jawtorizzawx il-ftuh ta' spiżerija oħra f'distanza anqas minn dik permessa bil-liġi.

3. L-Atturi imkien ma jallegaw li jekk l-awtoritajiet tas-saħħa jipproċessaw it-talba tal-Konvenut sabiex jitrasferixxi l-ispiżerija tiegħu għal ġo fond ġewwa Triq San Bartilmew, hemm xi possibilita' anke remota li xi jedd tagħhom ser jiġi mhedded jew miksur.

4. Kif rajna, iċ-ċirkostanzi fiż-żmien tal-kawża l-oħra kienu diversi minn dawk attwali. L-Atturi ma jallegaw l-ebda leżjoni ta' xi jedd tagħhom; iżda jsostnu illi huma għandhom id-dritt li jaraw li dak deċiż mill-Qorti tal-Appell jiġi attwat.

5. Fil-fehma tal-Qorti dan l-argument tal-Atturi jverġi xi ftit jew wisq lejn il-kontraddizzjoni. Meta l-Atturi intervjenew fil-kawża l-oħra huma ħadu dak il-pass sabiex jipparteċipaw f'kawża in sostenn tal-posizzjoni li kien hemmhekk ħa t-Tabib Prinċipali tal-Gvern u mhux sabiex jappoġġjaw il-posizzjoni tal-attur f'dik il-kawża (il-Konvenut odjern). Il-Qorti tal-Appell ma qablitx la mat-Tabib Prinċipali tal-Gvern u lanqas mal-posizzjoni li kienu ħadu l-Atturi odjerni f'dik il-kawża. Għall-kuntrarju, qieset illi l-Konvenut odjern kellu fil-pussess tiegħu liċenzja valida ta' spiżerija u li għalhekk kien qed jeżerċita'

leġittimament jedd tiegħu meta għamel talba għat-trasferiment tal-liċenzja.

6. Il-Qorti tal-Appell ma daħlitx fil-kwistjoni jekk Mario Debono kellux dritt jitraferixxi l-liċenzja ta' spizerija għall-fond ġewwa Triq Spiteri Fremond minnu propost għaliex ġustament irriteniet li dak kien kompitu li ma jistpettax lill-Qorti iżda lill-awtorita' eżekuttiva.

7. Il-fatti urew illi l-Atturi odjerni kellhom raġun jintervjenu fil-kawża l-oħra u jopponu għal dak it-trasferiment kif propost dak iż-żmien proprju peress illi id-distanza legali bejn spiżerija u oħra ma kenitx ser tiġi rispettata.

7. Mhux l-istess fil-kawża odjerna. Imkien l-Atturi ma jallegaw illi jekk l-awtorita' kompetenti jilqgħu it-talba tal-Konvenut sabiex jitrasferixxi l-liċenzja ta' spiżerija minn Triq San Bastjan għal Triq San Bartilmew, il-jeddijiet tal-Atturi ser jiġu mittiefsa.

8. Huwa evidenti għal din il-Qorti illi l-unika interess li jirriżulta li għandhom l-Atturi ma hux interess ġuridiku naxxenti mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell kif huma jallegaw; iżda huwa l-interess kummerċjali tagħhom li l-Konvenut ma jutilizżax il-liċenzja ta' spiżerija li huwa kellu fi Triq San Bastjan.

9. L-interess kummerċjali tal-Atturi li jnaqqsu l-kompetizzjoni fil-lokalita' minn fejn joperaw ma jekwiparax għall-interess ġuridiku rikjest mil-liġi u l-ġurisprudenza.

Fil-fehma tal-Qorti, l-Atturi ma seħħilhomx juru li meta pproponew il-kawża odjerna huma kellhom interess attwali, dirett u leġittimu f'dak li qed jitolbu mill-Qorti. Konsegwentement irriżulta illi l-interess vantat mill-Atturi ma jikwalifikax bħala interess ġuridku u konsegwentement ma għandhomx il-leġittimazzjoni attiva sabiex jipproponu l-kawża odjerna.

Isegwi għalhekk illi l-eċċezzjonijiet preliminari rispettivi tal-konvenuti illi l-Atturi m'għandhomx l-interess ġuridiku meħtieġ huma fondati u qed jiġu akkolti."

7. Rat ir-rikors tal-appell tal-atturi, l-ispiżjara Pierina Zammit et, li permezz tiegħu appellaw quddiem din il-Qorti kemm mill-provvediment tal-11 ta' Lulju, 2018, li bih is-soċjetà Brown's tħalliet tintervjeni fil-kawża, kif ukoll mis-sentenza tad-29 ta' Settembru, 2022, li biha ddeċidiet l-ewwel eċċezzjoni dwar il-karenza tal-interess ġuridiku tal-atturi.

8. Rat ir-risposta tal-appell tas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, li permezz tagħha wieġeb u talab li din il-Qorti tiċħad l-ewwel aggravju u l-ewwel parti tat-tieni aggravju u tikkonferma d-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-29 ta' Settembru, 2022, fl-intier tagħha, salv għall-kap tal-ispejjeż, peress li fir-rigward tal-aggravju tal-appellanti Zammit, li jitratta l-ispejjeż tal-intervenuta, l-appellat Suprintendent, irrimetta ruħu għall-ġudizzju ta' din il-Qorti. Bl-ispejjeż kontra l-appellanti.

9. Rat ir-risposta tal-appell tas-soċjetà intervenuta fil-kawża Brown's Pharma Limited, li permezz tagħha talbet li l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż doppji kontra l-appellanti.

10. Rat ir-risposta tal-appell tal-ispiżjar Mario Debono, li permezz tagħha talab li din il-Qorti tiċħad tiċħad l-ewwel aggravju u l-ewwel parti tat-tieni aggravju tal-appellanti Zammit u tikkonferma s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-29 ta' Settembru, 2022, fl-ismijiet premessi fl-intier tagħha, salv għall-kap tal-ispejjeż fejn fir-rigward tal-aggravju li jitratta l-ispejjeż tal-intervenuta, l-appellat Debono rrimetta ruħu għall-ġudizzju ta' din il-Qorti. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess appellanti.

11. Rat li bis-saħħa tal-emendi li daħlu permezz tal-Att XXXII tas-sena 2021, il-Qorti ngħatat is-setgħa sabiex tgħaddi għas-sentenza u dan a

tenur tal-Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u wara li rat il-proċeduri bil-miktub, ma tqisx meħtieġ li jingħata smigħ u għalhekk ser tgħaddi minnufih għas-sentenza;

12. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

13. Illi dan il-każ jitratta talba tal-atturi Zammit sabiex il-Qorti (i) tiddikjara li ġaladarba t-talba ta' Mario Debono ta' rilokazzjoni tal-Economical Dispensary, Ħal Qormi għall-fond ġdid fi Triq Spiteri Fremond kienet miċħuda u l-istess spiżerija baqgħet magħluqa sal-lum, seħħet ir-revoka awtomatika tal-liċenzja tal-Economical Dispensary li kellu Mario Debono, u dan kif kontemplat fl-Artikolu 73 tal-Kap. 438, u kif indikat mill-istess Qorti tal-Appell fis-sentenza tas-27 ta' Marzu, 2015; (ii) konsegwentement ma tistax tintalab ebda rilokazzjoni oħra tal-Economical Dispensary ladarba l-liċenzja tagħha tinsab revokata "*ex lege*"; u (iii) li s-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għandu jieqaf milli jkompli jikkonsidra t-talba ta' Mario Debono għal rilokazzjoni tal-Economical Dispensary għal Triq San Bartilmew, u bl-ebda mod ma jagħti l-awtorizzazzjoni tiegħu għal din ir-rilokazzjoni.

14. Il-konvenuti Suprintendent tas-Saħħa Pubblika u l-ispiżjar Mario Debono, it-tnejn ressqu l-eċċezzjonijiet tagħhom, fosthom, dik preliminari li l-atturi m'għandhomx l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex iressqu din il-kawża.

15. Permezz tad-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-11 ta' Lulju, 2018, intlaqgħet it-talba tas-soċjetà Brown's Limited sabiex tintervjeni *in statu et terminis* f'dawn il-proċeduri. Mentri permezz tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-29 ta' Settembru, 2022, il-kawża ġiet deċiża fis-sens illi laqgħet l-ewwel eċċezzjoni mressqa miż-żewġ konvenuti fis-sens li l-atturi m'għandhomx l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex iressqu l-kawża odjerna. Għalhekk filwaqt li astjeniet milli tkompli tqis il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, ċaħdet it-talbiet attriċi. Bl-ispejjeż kontra l-atturi.

16. L-atturi Zammit ħassewhom aggravati kemm bil-provvediment tal-11 ta' Lulju, 2018, li bih intlaqgħet it-talba tas-soċjetà Brown's Pharma Limited sabiex tintervjeni *in statu et terminis* f'dawn il-proċeduri, kif ukoll bis-sentenza tad-29 ta' Settembru, 2022, in kwantu l-Ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti li huma m'għandhomx l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex jipproponu din il-kawża, kif ukoll fir-rigward il-kap tal-ispejjeż.

17. In kwantu għall-provvediment tal-11 ta' Lulju, 2018, l-appellanti jsostnu li huma lanqas biss kienu midħla tal-ftehim li kien hemm bejn il-konvenut Debono u s-soċjetà Brown's Pharma Limited meta fetħu l-proċeduri u li l-interess ta' Brown's Pharma Limited hija fl-eżitu ta' din il-kawża, meta huwa magħruf fil-ġurisprudenza tagħna li l-interess fl-eżitu tal-kawża mhuwiex biżżejjed sabiex jirradika l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex wieħed jintervjeni f'kawża. L-appellanti jagħmlu referenza għall-ġurisprudenza fis-sens li "*mhux kull xorta ta' interess jikkwalifika bhala "interess guridiku". Per ezempju, interess merament akkademiku ma jikkwalifikax, bhalma lanqas ma jissodisfa l-vot tal-ligi tal-procedura interess f'dak li huwa ... l-ezitu tal-kawza.*" (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' April, 2006, fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Borg proprio et nomine v. Joseph Pace nomine et**). Jisħqu li l-interess ta' Brown's Pharma Limited huwa li tara li l-ftehim li hija għamlet mal-konvenut Debono ma jkunx sfrattat, peress li enfasizzat li kriet post, irranġatu, ramatu u kuljum qegħda titlef flus u dan qiegħed jirrekalaha danni kuljum u li dan m'hu xejn għajr interess fl-eżitu tal-kawża, li mhuwiex suffiċjenti li jirradika fiha l-interess meħtieġ sabiex tintervjeni. Għalhekk jisħqu li s-soċjetà Brown's Pharma Limited għandha tinħareġ mill-kawża u n-nota ta' sottomissjonijiet tagħha għandha tkun sfilzata.

18. Għandu jingħad mal-ewwel li, din il-Qorti ma taqbilx mal-appellanti fir-rigward ta' dan l-aggravju fil-konfront tal-provvediment tal-Ewwel Qorti li awtorizzat lis-soċjetà Brown's Pharma Limited tintervjeni fil-kawża. Fl-

ewwel lok, mill-kliem tal-Artikolu 960 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, jirriżulta li l-Qorti għandha diskrezzjoni li tilqa' jew le, it-talba għall-intervent fil-kawża li trid tkun sodisfatta li parti għandha interess fil-kawża li tkun miexja bejn il-partijiet. Din il-Qorti, bħala waħda ta' reviżjoni ma tiddisturbax l-eżerċizzju mwettaq mill-Ewwel Qorti, sakemm ma jirriżultax li dan ikun sar kontra l-liġi. (ara s-sentenza ta' din il-Qorti - Sede Inferjuri – tal-11 ta' Novembru, 2006, fil-kawża fl-ismijiet **David Chetcuti v. Richard Kandler).**

19. Jiġi osservat ukoll li, is-sentenzi ċitati mill-appellanti kollha jitrattaw id-dritt tal-appell tat-terz li jkollu interess (Artikolu 236 tal-Kap. 12), li huma differenti mill-każ preżenti. Fl-aħħar, huwa prinċipju stabbilit ukoll li:

> *"...l-ammissibilita` ta' l-intervent ta' terz f' kawza pendenti bejn partijiet ohra hi dik li t-talba tieghu biex jintervjeni tippresenta konnessjoni jew kollegament li tiggustifika li jkollok process simultaneju. In partikulari, biex hu jsostni fil-konfront tal-partijiet jew ta' xi hadd fosthom, id-dritt proprju tieghu relattiv ghall-oggett sostanzjali tal-gudizzju, ossija dipendenti mit-titolu dedott fil-kawza. Jikkonsegwi minn dan illi l-intervenut jista' jippresenta ruhu bhala titolari ta' rapport guridiku konness ma' dak tal-petitum u tal-causa petendi dedotti fil-lite mir-rikorrenti kontra l-intimat jew in kwantu dak it-titolu tieghu hu dipendenti minn dan ta' l-ahhar. Dipendenza din li tista' ggiblu pregudizzju tad-dritt li tieghu hu jghid li hu titolari fl-ipotesi ta' sokkombenza tal-parti mharrka.*
> *...*
> *bhala terz ammess fil-kawza, hu jista' anke "sostenendo la ragione sia dell' attore, sia del convenuto, ed altre volte pure i proprii diritti in confronto sia dell' uno che dell' altro, provocare una decisione entro i limiti dell' azione intentata, la quale stabilire certi fatti o certi diritti, siano favorevoli, siano contrari, a lui stesso senza essere liberato o condannato." (Kollez. XVI P I p 117. Ara wkoll b' abbracc ta' din l-istess enuncjazzjoni s-sentenzi a Vol. XXXI P I p 321, Vol. XXXII P I p 477, Vol. XXXIV P II p 522 u Vol. XLII P II p 902, fost bosta ohrajn.) Hemm raguni ghal dan. Il-kawza ma gietx ukoll dedotta fil-konfront tieghu u fiha huwa ntrometta ruhu volontarjament, jew biex*

> *jipprevalixxi ruhu minn certi riflessi positivi jew biex jevita dawk negattivi tad-definizzjoni li r-rapport distint jista' jgieblu;"*

(ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti - Sede Inferjuri – tad-9 ta' Jannar, 2008, fil-kawża fl-ismijiet **Dott. Mark Said nomine v. Vincenzo Grixti et**).

20. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, din il-Qorti taqbel mal-intervenuta fil-kawża, li l-atturi kienu ben konsapevoli tal-involviment tagħha, kif jirriżulta sew mir-ritratti annessi mar-rikors promotur (ara Dok. D2 u D3), tant li meta ressqu l-mandat ta' inibizzjoni talbu li l-konvenut Debono jiġi mwaqqaf milli jagħmel **rilokazzjoni <u>jew trasferiment tal-liċenzja tal-ispiżerija</u>**. Inoltre, il-fatt li s-soċjetà Brown's Pharma Limited, jista' jkollha interess fl-eżitu tal-kawża odjerna, ma jnaqqas xejn mill-fatt li hija għandha nteress sostanzjali, reali u dirett fl-istess kawża, peress li hija kienet fil-proċess li takkwista mingħand il-konvenut Debono l-liċenzja li l-atturi qegħdin jattakkaw permezz tal-proċeduri odjerni (ara ftehim tas-6 ta' Frar, 2017, a fol. 75 kif ukoll l-estensjonijiet relattivi a fol. 78, 80 u 81 tal-proċess). Għalhekk l-istess soċjetà għandha nteress li ssostni d-difiża tal-konvenut Debono. Dan apparti l-investiment li hija għamlet mhux biss sabiex takkwista l-liċenzja, iżda wkoll sabiex takkwista l-fond minn fejn hija kienet qegħda tipproġetta li topera l-ispiżerija, li kellu jiġi rranġat u mgħammar (ara xhieda ta' Tiziana Ceci a fol. 209). Isegwi li din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li tammetti lis-soċjetà Brown's Pharma Limited sabiex tintervjeni fil-kawża odjerna u

għalhekk l-aggravju tal-appellanti fil-konfront ta' din id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti ma jreġix.

21. Imiss li jiġi trattat l-aggravju tal-appellanti fil-konfront tas-sentenza tal-Ewwel Qorti tad-29 ta' Settembru, 2022, li qieset li jonqos fihom l-interess ġuridiku meħtieġ li jressqu din il-kawża. Jagħmlu referenza għall-ġurisprudenza fis-sens li l-interess tagħhom fil-kawża mhux bilfors ikun wieħed li jiġi kwantifikat f'somma determinata ta' flus jew ġid (wieħed patrimonjali), iżda jista' jkun ukoll wieħed morali jew astratt. Issir referenza għall-fatt li hekk kif huma kellhom l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex jintervjenu fil-kawża li Debono fetaħ fil-konfront tat-Tabib Prinċipali tal-Gvern (li ġġib referenza 581/2004), issa huma għandhom interess ġaladarba r-raġunar tas-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Marzu, 2015, f'dik il-kawża u l-liġi applikabbli mhumiex qegħdin jiġu segwiti fis-sħiħ, iżda biss f'parti. Jisħqu li din il-kawża hija naxxenti minn dik ta' Debono u l-interess tagħhom huwa marbut strettament mal-liġi relevanti, kif imfissra minn din il-Qorti fis-sentenza dwar il-każ 581/2004. Filwaqt li jfissru li huma qatt ma ppretendew li għandhom xi dritt fil-proċess tal-valutazzjoni jew il-kondizzjonijiet dwar it-trasferiment tal-liċenzja, l-argument tagħhom dejjem kien li l-liċenzja ta' Debono mhix aktar valida u għalhekk ma tistax issir talba għat-trasferiment tagħha. L-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta qieset li l-interess tagħhom huwa wieħed kummerċjali sabiex inaqqsu l-kompetizzjoni fil-lokalità fejn l-appellanti joperaw.

22. Jibda billi jingħad li huwa minnu li mhuwiex meħtieġ li l-interess ġuridiku tal-atturi f'kawża jkun wieħed patrimonjali. Iżda daqstant ieħor jinsab assodat li: "*l-interess ġuridiku jrid ikun reali u attwali u għandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur.*" (Ara s-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Frar, 1997, fil-kawża fl-ismijiet **Alexander Eminyan v. John Mousù proprio et nomine**.) Sabiex l-interess ikun wieħed ġuridiku, irid ikun ibbażat fuq xi ksur ta' dritt pretiż mill-atturi. (Mattirolo Vol. I pag.50; Mortara VolI p.588;). **Mattirolo** f'dan ir-rigward jispjega li:

> "*L'azione compete soltanto e tutela dei diritti; l'interesse e` scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non guidizio possibile; cosi che, per istituire un giudizio, non basta che un fatto d'altro pregudichi I nostri interessi, ma occorre che questo fatto arrechi un danno giuridico, che non esiste se non e` 'injuria datum', se cioe` non e` prodotto da chi esorbitando dalla sfera del diritto proprio, offende un nostro diritto.*"

23. L-atturi appellanti donnhom jagħtu lil wieħed x'jifhem li s-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża li ġġib referenza 581/2004 tagħtihom id-dritt li jressqu din il-kawża. Madankollu, il-fatt li l-istess atturi f'din il-kawża, kienu intervenuti fil-kawża 581/2004, li permezz tagħha l-konvenut f'din il-kawża, Debono kien ottjena sentenza fis-sens li d-deċiżjoni tat-Tabib Prinċipali tal-Gvern li ma jilqax it-talba ta' Debono li jkompli jopera l-liċenzja ta' spiżerija bir-referenza SR 125, relattiva għall-ispiżerija Economical Dispensary kienet tikser ir-regolamenti relattivi, kif ukoll l-Artikolu 469A tal-Kap. 12, u li l-istess liċenzja tappartjeni lil Debono, l-istess appellanti Zammit ma kinux parti fil-kawża bħala atturi jew

konvenuti. Huwa prinċipju assodat li s-sentenzi tal-Qorti jiddeterminaw l-obbligi u d-drittijiet tal-partijiet fil-kawża, jiġifieri l-attur u l-konvenut. L-intervenuti fil-kawża mhumiex parti mill-kawża u għalhekk la huma atturi u lanqas konvenuti.

24. Minn dan isegwi li, permezz tas-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Marzu, 2015, fl-ismijiet **Mario Debono et v. Tabib Prinċipali tal-Gvern et** (li ġġib referenza 581/2004), ma ġie determinat l-ebda obbligu jew dritt tal-intervenuti fil-kawża Zammit, atturi appellanti f'dawn il-proċeduri. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tad-29 ta' Marzu, 2023, fil-kawża fl-ismijiet **John Abela et v. Doris Abela et.**) Inoltre, kif ingħad ukoll fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-7 ta` Novembru, 1988 (Kollez. Vol.LXXII.ii.358), fl-ismijiet **Anthony Psaila v. Arthur Biggerstaff**:

> "*l-intervenut fil-kawza in statu et terminis ... mhux imdahhal fil-gudizzju pendenti bejn il-kontendenti la bhala attur u anqas bhala konvenut fis-sens li la jista` jigi kkundannat u anqas illiberat u dan a differenza tal-kjamat fil-kawza**... sentenza ma tista` qatt tigi esegwita mill-intervenut fil-kawza u vice versa fl-ebda kaz ma tista` sentenza tigi esegwita kontra tieghu."***

Dan ifisser li kuntrarjament għal dak li jingħad mill-atturi appellanti fir-rikors tal-appell tagħhom, is-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Marzu, 2015, fl-ismijiet **Mario Debono et v. Tabib Prinċipali tal-Gvern et,** ma torbotx lill-atturi f'din il-kawża bl-ebda mod, iżda torbot biss lill-partijiet f'dik il-kawża li kienu atturi u konvenuti. Isegwi li fejn jingħad mill-atturi appellanti li jsejsu l-pretensjonijiet tagħhom fuq dik is-sentenza hija

waħda żbaljata, peress li dik is-sentenza ma tagħti l-ebda dritt lill-istess atturi appellanti.

25. Barra minn hekk, filwaqt li wieħed jista' jasal li jifhem li l-atturi appellanti kellhom l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex jintervjenu fil-kawża 581/2004, peress li r-rilokazzjoni mitluba mill-ispiżjar Debono, dak iż-żmien kienet għal Triq Spiteri Fremond, li eventwalment irriżulta li ma kienx hemm id-distanza meħtieġa skont il-liġi bejn l-ispiżerija ta' Zammit u dik proposta fir-rilokazzjoni, mhux l-istess jista' jingħad fil-kawża odjerna. Kif ġustament osservat mill-Ewwel Qorti, l-atturi appellanti ma ressqu l-ebda lment fil-kawża odjerna, li bis-sit ta' rilokazzjoni propost mill-konvenut Debono għal Triq San Bartilomew, ser iseħħ xi ksur tad-distanza msemmija fil-liġi, kif lanqas jirriżulta li jekk l-Awtorità konvenuta ser tipproċessa t-talba ta' rilokazzjoni tal-konvenut Debono, ser issarraf f'xi theddida jew ksur ta' xi dritt jew jedd tagħhom, bħala bażi sabiex fuqha jsejsu l-interess ġuridiku tagħhom.

26. In kwantu l-argument tal-atturi appellanti li l-liċenzja ta' Debono mhix aktar valida, ġaladarba a tenur tal-Artikolu 73 tal-Kap. 458, l-ispiżerija ta' Debono kienet ilha magħluqa għal xhur sħaħ (u mhux ħamest ijiem biss kif tgħid il-liġi), u allura l-liċenzja ġiet revokata awtomatikament, dan ukoll ma jreġix. Hekk jirriżulta mis-sentenza li kienet titratta l-kawża 581/2004, meta ġie ritenut li l-ispiżjar Debono ma jistax jingħad żamm l-ispiżerija magħluqa "mingħajr l-awtorizazzjoni tal-

Awtorità”, hekk ukoll, il-fatt li t-talba għar-rilokazzjoni għat-Triq Spiteri Fremond ma rnexxietx minħabba raġunijiet ta’ distanza, dan fih innifsu ma jġibx fix-xejn jew ma jippreklud ix lill-istess spiżjar Debono (li fl-istess sentenza tqies li għandu liċenzja valida ġaladarba tqies li l-ispiżerija tiegħu kienet magħluqa bid-debita awtorizzazzjoni tal-Awtorità kompetenti) milli jipproponi rilokazzjoni ġdida għal sit idoneju, salv li jottjeni l-awtorizzazzjoni meħtieġa mingħand l-Awtorità kompetenti.

27. Dan apparti li, kif ingħad fis-sentenza ta’ din il-Qorti tal-11 ta’ Mejju, 2010, fil-kawża fl-ismijiet **Reginald Fava proprio et nomine v. Supretendent tas-Saħħa Pubblika et,** il-ħsieb wara r-regolamenti li jirregolaw il-liċenzji tal-ispiżeriji, mhumiex intiżi sabiex l-ispiżjara ma jkollhomx spiżerija oħra viċin tagħhom, iżda saru sabiex jiġi regolat il-kummerċ fl-interess pubbliku, partikolarment dak tal-konsumatur. Jista’ jkun li l-ispiżeriji “jgawdu” mill-istess regolamenti, però dan la jfisser li l-liġi saret fl-interess tagħhom u lanqas li għandhom xi dritt personali li jibqgħu jaraw li jieħdu vantaġġ. Punt ieħor relevanti magħmul f’dik is-sentenza (li kien fost affarijiet oħra jitratta wkoll l-interess meħtieġ sabiex ikun jista’ jitressaq appell tat-terz) kien li :

> “Il-materja hija mhollija f’idejn l-awtorita` kompetenti li ghandha, fil-konsiderazzjonijiet taghha, tqis mhux biss l-interess tal-applikant ghal-licenzja, izda, u fuq kollox, l-interess tal-lokalita` u tal-konsumatur, bid-decizjoni tkun, ovvjament, fil-parametri tal-ligi. Kwindi dawn is-sidien ta’ spizeriji appellanti m’ghandhomx l-interess guridiku mehtieg biex iressqu appell ta’ terz, ghax il-hsieb tar-regolamenti ma kienx biex jigu agevolati grupp specifiku ta’ nies, izda l-interess tal-komunita`.

> ... **L-Avviz Legali, kwindi, ma jikkoncedix drittijiet lill-ispizjara, izda jipprovdi ghar-regolamentazzjoni ta' dan is-settur fl-interess tal-konsumatur, u l-gwardjan tal-ligi hi biss, allura, l-awtorita` pubblika."**

28. Assodat li l-liċenzjar (u allura r-rilokazzjoni) huma materja regolata bil-liġi, u l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet fir-rigward huma mansjoni li taqa' fil-kompetenza tal-Awtorità konvenuta appellata, l-atturi appellanti m'għandhom l-ebda jedd li jindaħlu f'dan il-proċess jew ixekkluh, sakemm ma jiġix ippruvat l-interess ġuridiku, dirett, personali u attwali tagħhom, ħaġa li l-atturi appellanti ma rnexxielhomx jippruvaw f'din il-kawża. Isegwi li dan l-aggravju tal-atturi appellanti wkoll ma jistax jirnexxi.

29. Jonqos li jiġi trattat l-aħħar aggravju, dak li jitratta l-kap tal-ispejjeż, fejn l-atturi appellanti joġġezzjonaw għall-fatt li l-Ewwel Qorti akkollat l-ispejjeż kollha tal-kawża fuqhom u jagħmlu referenza għall-ġurisprudenza relevanti f'dan is-sens.

30. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ġaladarba l-intervenut fil-kawża mhuwiex parti fil-kawża, hija regola aċċettata fil-ġurisprudenza li l-istess intervenut fil-kawża għandu jsofri l-ispejjeż tiegħu sakemm ma jirriżultawx raġunijiet partikolari li jiddettaw mod ieħor (ara s-sentenza **Chetcuti v. Kandler** ċitata hawn qabel). F'dan il-każ ukoll, din il-Qorti ma ssibx li teżisti xi raġuni valida li twarrab din ir-regola u għalhekk ser tilqa' dan l-aħħar aggravju tal-atturi appellanti.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi, filwaqt li tikkonferma kemm id-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-11 ta' Lulju, 2018, sa fejn laqgħet it-talba tas-soċjetà Brown's Pharma Limited li tintervjeni fil-kawża, kif ukoll is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-29 ta' Settembru, 2022, sa fejn laqgħet l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti li huwa nieqes l-interess ġuridiku tal-atturi sabiex iressqu l-kawża odjerna, bl-ispejjeż kontra l-istess atturi.

B'dan illi s-soċjetà intervenuta fil-kawża Brown's Pharma Limited tbati l-ispejjeż ġudizzjarji tagħha marbuta maż-żewġ stadji tal-kawża.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr